

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark figurattivi tal-Unjoni Ewropea BIOVÈNE BARCELONA bil-kuluri roża u abjad – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 523 102

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Frar 2020 fil-Każ R 1661/2019-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla u tinvalida d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla u tinvalida d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni;
- temenda dawn id-deċiżjonijiet u tilqa' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark inkwistjoni fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil Eugène Parma France għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni tal-appell, tal-oppożizzjoni u tal-proċedimenti ta' rikors quddiem l-EUIPO.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' April 2020 – Biovène Cosmetics vs EUIPO – Eugène Perma France
(BIOVÈNE)**

(Kawża T-232/20)

(2020/C 201/69)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Biovène Cosmetics, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: E. Estella Garbayo, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Eugène Perma France (Saint-Denis, Franzja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea BIOVÈNE – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 052 029

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Frar 2020 fil-Każ R 739/2019-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla u tiddikjara invalida d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla u tiddikjara invalida d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni;
- temenda dawn id-deċiżjonijiet u tilqa', fl-intier tagħha, l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil Eugène Parma France għall-ispejjeż ta' dawn il-proċedimenti ta' appell, tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni u tal-proċedimenti ta' appell quddiem l-EUIPO.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tas-26 ta' Marzu 2020 – Sensient Colors Europe vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-556/18) ⁽¹⁾

(2020/C 201/70)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tat-Tmien Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 399, 5.11.2018.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-15 ta' April 2020 – Twitter vs EUIPO – 123billets et Hachette Filipacchi Presse (PERISCOPE)

(Kawża T-682/18) ⁽¹⁾

(2020/C 201/71)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 25, 21.1.2019.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-2 ta' April 2020 – BV vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-320/19) ⁽¹⁾

(2020/C 201/72)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tas-Seba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 246, 22.7.2019.